# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Mejju 2025**

**Numru 9**

**Rikors numru 42/2015/1 JVC**

**Emanuel Stellini u Anton Mizzi**

**v.**

**Angelo Bugeja u martu Carmen Bugeja**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur Emanuel Stellini minn sentenza ta' nhar l-20 ta' Marzu 2019 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali. L-Ewwel Qorti laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti u ddikjarat li l-konvenuti jiddetjenu r-raba' in kontestazzjoni fl-atti magħrufa bħala 'Ta Berrini' b'titolu validu ta' sullokazzjoni favur tagħhom u konsegwentement ċaħdet

it-talbiet rimanenti tal-attriċi bl-ispejjeż kontrihom.

## Daħla

2. L-atturi ressqu s-segwenti talbiet:

> *"i) Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa mis-smiegħ ai termini tal-Artikolu 167(1)(b) et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*
>
> *ii) Tiddikjara illi l-intimati qed jokkupaw il-proprjetà hawn fuq imsemmija bla ebda titolu validu fil-liġi;*
>
> *iii) Konsegwentament tordna l-iżgumbrament tagħhom mill-istess proprjetà u dan fit-terminu fiss u perenterju konċess lilhom minn din il-Qorti Onorabbli.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-intimati illi huma mħarrkin għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed jiġu nġunti f'każ illi jiġu ammessi l-provi."*

U dan abbażi tas-segwenti premessi:

> *"1. Illi l-esponenti Emanuel Stellini għandu mqabbel lilu żewġ porzjonijiet raba' magħrufa bħala 'Ta' Berrini' u 'Tar-Ragramas' li jinsabu f'Santa Luċija, Għawdex li kienu wkoll il-mertu tal-kawża tal-ispoll tal-partijiet fl-ismijiet inversi, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati Għawdex (Ġurisdizzjoni Superjuri) Rikors Ġuramentat numru 78/2013;*
>
> *2. Ili l-attur Anton Mizzi huwa wieħed mill-propjetarji tal-għalqa mertu ta' din il-kawża li jaċċetta ta' kull sena l-qbiela mingħand Emanuel Stellini u ma jirrikonoxxi bl-ebda mod lill-konjuġi Bugeja għalkemm huma marru diversi drabi biex jittentaw li l-qbiela tar-raba' tinqaleb fuqhom.*
>
> 3. *Illi sa fejn jafu r-rikorrenti, l-intimati Angelo u Carmen konjuġi Bugeja ma għandhom ebda titolu validu fuq ir-raba' inkwistjoni u dana stante illi r-rikorrenti jew l-predeċessuri fit-titolu tagħhom qatt ma kkonċedew l-ebda titolu lill-intimati fuq dan ir-raba', u dan kif ukoll jafu ben tajjeb u rriżulta pruvat ampjament fil-kawża fl-ismijiet Bugeja et vs Stellini, Rik. Maħluf numru 78/2013JVC;*
>
> 4. *Illi l-ispoll imsemmi fil-kawża 78/2013JVC illum ġie reintegrat u għalhekk il-konvenuti qeghdin jokkupaw mill-ġdid l-imsemmi raba.*
>
> 5. *Illi r-rikorrenti ma humiex lesti li jagħtu ebda tip ta' konċessjoni fuq il-beni mikrija esklussivament lill-attur Emanuel Stellini u għalhekk l-*

*intimati Angelo u Carmen Bajada qed jokkupaw dan ir-raba' illegalment u abbużivament u qed jimpedixxu lill-attur milli jgawdu l-imsemmija proprjetà;*

*6. Illi peress illi t-talbiet odjerni jikkonċernaw l-iżgumbrament ta' persuna/i minn raba' kif ukoll għad-danni bħala kumpens sakemm il-fond jitbattal, u ċioe' jinkwadraw ruħhom fil-provediment 167(1)(b) tal-Kap 12, ir-rikorrenti qed jipprevalixxu ruħhom mid-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu u jitolbu li l-kawża odjerna tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ stante illi sa fejn jafu huma l-intimati ma għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu kontra t-talba odjerna u qed jokkupaw ir-raba b'mera tollerenza u ċioe' mingħajr ebda jedd fil-liġi; Il-konvenuti ressqu żewġ noti permezz ta' liema ddikjaraw li huma kellhom eċċezzjonijiet xi jressqu. In segwitu ta' dan u ta' provi mressqa, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-konvenuti u awtorizzathom iressqu r-risposti tagħhom."*

3. Il-konvenuti ressqu s-segwenti eċċezzjonijiet konġuntament:

*"1. Illi fl-ewwel lok l-atturi għandhom jippruvaw it-titolu li huma qeghdin jivvantaw fir-rigward tar-raba' de quo agitur;*

*2. Illi minngħajr preġudizzju, l-azzjoni tal-atturi hija ġuridikament insostennibli stante li ma tistax tiġi proposta minn inkwilin iżda se mai minn sid ir-raba' u dan skont corpus ta' ġurisprudenza nostrana.*

*3. Illi mingħajr preġudizzju u fil-mertu l-eċċipjenti jikkontendu li huma jiddetjenu titolu validu fil-liġi u li m'humiex qeghdin jokkupaw l-art in kwistjoni abbusivament.*

*4. Illi t-talbiet atturi għalhekk huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż."*

4. L-attur Anton Mizzi ressaq nota ta' ċessjoni nhar it-3 ta' Novembru 2017[1] wara li xehed li ma kienx jaf li hu kien wieħed mill-atturi.

5. L-Ewwel Qorti wasslet għas-segwenti deċide:

*"1. Tiddikjara l-ewwel talba attriċi bħala sorvolata stante li l-konvenuti ngħataw l-opportunità li jipprezentaw l-eċċezzjonijiet tagħhom;*

[1] *Fol.* 170

*2. Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti;*

*3. Tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara li l-konvenuti jiddetjenu r-raba' in kontestazzjoni fl-atti magħrufa bħala 'Ta Berrini' b'titolu validu ta' sullokazzjoni favur tagħhom u konsegwentement tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet kollha attriċi bl-ispejjeż kollha kontra l-attur."*

6. L-attur Emanuel Stellini ħassu aggravat mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u ressaq dan l-appell nhar it-8 ta' April 2019, filwaqt li l-konvenuti ressqu r-risposta tagħhom nhar it-8 ta' Mejju 2019.

**Sfond**

7. L-attur għandu titolu ta' qbiela fuq żewġ biċċiet raba' magħrufa Ta' Berrini u Ta' Ragramas fil-limiti ta' Santa Luċija, ġewwa Għawdex. L-attur ressaq din il-kawża sabiex jitlob l-iżgumbrament tal-konvenuti, b'Carmen Bugeja tiġi oħt l-attur, minn dawn ir-raba'. Il-konvenuti jargumentaw li għandhom favur tagħhom dritt ta' sullokazzjoni fuq ir-raba' mogħti lilhom minn missier Carmen Bugeja. L-attur jinnega dan u jgħid li huma jaħdmu r-raba' b'tolleranza. It-titolu tal-qbiela tar-raba' kien jgħajjat lil missier il-partijiet eskluz Anton Mizzi u għadda fuq l-attur qabel il-mewt ta' missierhom stess.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

8. **Permezz tal-ewwel aggravju l-attur Emanuel Stellini appellant**

**jilmenta li sar apprezzament skorrett tal-provi.** Il-fatti ma kellhomx iwasslu għall-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti. Għalkemm bħala regola l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament u l-evalwazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti, l-appellant jisħaq li hemm raġun biżżejjed sabiex fil-każ odjern dan isir, inkella jgħid li ser tiġi kommessa inġustizzja manifesta. Jagħmel referenza għall-ġurisprudenza fejn il-Qorti tat-tieni grad iddisturbat l-apprezzament magħmul mill-qorti tal-ewwel grad. **Il-konvenuti appellati jwieġbu li** skont il-ġurisprudenza, l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax leġġerment l-apprezzament tal-provi.

9. **Din il-Qorti tqis** li dan l-aggravju waħdu ma jista' jwassal għall-ebda riforma fis-sentenza tal-Ewwel Qorti għaliex permezz tiegħu l-attur appellant qed jagħmel biss argument ġeneriku sabiex jiġġustifika l-appell. Għaldaqstant din il-Qorti ser twarrab dan l-aggravju u tindirizza l-kumplament.

10. Permezz **tat-tieni aggravju l-appellant** jargumenta li l-kawża saret fuq żewġ biċċiet ta' raba' mikrija mingħand il-familja Mizzi, waħda magħrufa Ta' Berrini, li tagħha jħallas għaxar ewro u ħamsin ċenteżmu (€10.50) qbiela u biċċa oħra magħrufa Ta' Ragramas, li tagħha jħallas qbiela ta' seba' ewro (€7.00). Hu talab l-iżgumbrament tal-intimati miż-żewġ għelieqi iżda l-Ewwel Qorti ma għamlet l-ebda pronunzjament fuq ir-raba' Ta' Ragramas u dan meta kienet mitluba tagħmel dan. Jgħid li

għalkemm ma hemmx nullità fis-sentenza hemm nuqqas.

11. **Il-konvenuti jwieġbu li** l-Ewwel Qorti daħlet f'din il-kwistjoni u għalhekk huwa inspjegabbli kif l-appellant qed jipprova jgħawweġ il-fatti u dan meta l-pern tal-kawża dejjem kienet fuq ir-raba' ta' Berrini u t-titolu ta' sullokazzjoni favur il-konvenuti appellati.

12. **Din il-Qorti** rat li fir-rikors ġuramentat l-appellant ippremetta li l-kawża hi fuq art Ta' Berrini u tar-Ragramas (msejjħa wkoll tal-Agramors). F'dan l-aggravju l-appellant mill-ġdid jagħmel l-istess argument. Madankollu fix-xhieda tiegħu permezz tal-affidavit, l-attur xehed: *"Ir-raba' ta' l-Agramors limiti ta' Għar Ilma hija raba distinta li ma għandhiex x'taqsam mal-każ odjern"*.

13. Issa mill-provi mressqa jidher li r-raba' in kwistjoni, Ta' Berrini u tar-Ragramas, fil-Qasam ta' San Ġorġ u Għar Ilma rispettivament, titħallas qbiela fuqhom it-tnejn mill-attur u ma jidhirx li hemm distinzjoni ċara bejn it-tnejn. Madankollu la l-attur stess xehed li l-kawża hi biss fuq l-art Ta' Berrini, ma tarax l-għala għandha tmur kontra dak iddikjarat mill-attur stess. F'dan l-istadju mhuwiex siewi li l-attur jerġa jittanta jċaqlaq il-parametri tal-azzjoni u dan wara li b'mod daqshekk kategoriku kien xehed li l-azzjoni tirrelata biss mal-art Ta' Berrini. Għaldaqstant dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

14. Permezz **tat-tielet aggravju l-appellant** jargumenta li l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta rraġunat li hemm sullokazzjoni favur l-appellata. Jgħid li l-konvenuta appellata tirrikonoxxi li sakemm miet missierha qatt ma ħallset qbiela lil missierha għall-okkupazzjoni tar-raba' u l-ġenituri tagħhom lanqas riedu ebda ħlas mingħand il-konvenuta Carmen Bugeja. Dan jirriżulta mill-kontroeżami tagħha ta' nhar l-14 ta' Novembru 2018. Għalhekk fl-umli fehma tal-attur, l-Ewwel Qorti żbaljat meta interpretat il-prodott li l-appellata kienet tagħti lill-ġenituri tagħha bħala ħlas ta' kumpens meta fi kliem l-appellata stess dan kienet tagħmlu bil-*buona volontà* tagħha u mhux għaliex sar ftehim. Meta missier l-aħwa Stellini ppermetta lil bintu jew ir-raġel tagħha jaħdmu dan ir-raba', kien hemm bla dubju rapport ta' familjarità tant li qatt m'aċċetta ħlas mingħandha u kien b'dan l-animu illi missier il-partijiet kien ta l-permess lil bintu u lir-raġel tagħha sabiex jaħdmu dan ir-raba'. Il-fatt li missier l-appellata qatt ma ried jew aċċetta ħlas ta' korrispettiv mingħand bintu jew li jaqsam il-prodott ma' bintu juri u proprju huwa konferma kemm missier l-appellata ma riedx jidħol f'ebda rapport ta' sullokazzjoni jew xort'oħra ma' bintu għaliex li kieku ried jissullokalha jew iċedilha l-kirja huwa seta' jagħmel dan faċilment bid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta.

15. Iżid li missier l-appellant u l-konvenuta mar mal-appellant sabiex idawwar il-kirja għand il-lokatur il-PL Marcell Mizzi, li baqa' jirċievi l-qbiela

mingħandhom sal-2012 u wara l-mewt tal-lokatur il-ħlas baqa' jiġi aċċettat mingħand ulied il-PL Marcell Mizzi kif juru l-irċevuti. Il-konsiderazzjonijiet *in obiter* li l-appellant dawwar il-qbiela minn wara dahar familtu huma assunzjoni u l-irċevuti tal-qbiela li ħarġu sena wara sena għal tmintax-il sena sħaħ, idgħajjef ferm il-pożizzjoni li ħadet l-Ewwel Qorti. Meta l-appellata bdiet tħallas lil ommha tal-qbiela dan sar *ex admissis* fuq insistenza tagħha stess u fi kliemha stess biex tkun ċerta għal quddiem għaliex skont hi kienet semgħet fuq kawża simili mix-xogħol. Minn din ix-xhieda jingħad li l-appellata la kellha ftehim ta' mezzadrija u anqas sullokazzjoni kif erroneament ikkonkludiet l-Ewwel Qorti. Jingħad li l-mezzadrija, bħal kull korrispettiv ieħor, ried jingħata u jkun aċċettat b'mod regolari fi kwantitajiet miftiehma, u bħal kull forma ta' ħlas huwa deżiderabbli illi ssir irċevuta ħalli dak li jkun ikollu prova tal-kontribut tiegħu għall-okkupazzjoni ta' fond. Il-konvenuta appellata stess tistqarr li mal-ġenituri tagħha ma kellha xejn minn dan il-ftehim u l-prodott tar-raba' kienet tagħtihulom minn jeddha. Dan fil-fehma tal-attur tkompli tissoda t-teżi tiegħu li l-konvenuta kienet qed tokkupa l-art mingħajr titolu u b'mera tolleranza. Il-fatt li l-appellata kienet tagħti prodott lill-ġenituri tagħha ma jinkwadrax ruħu fil-kuntest tal-mezzadrija meta jonqos l-element bażiku tal-komparteċipazzjoni tal-qliegħ jew perditi. Iżid li lanqas ma jeżisti element ta' sullokazzjoni meta l-konsenja ta' xi prodott saret mill-appellati minn jeddhom u mhux għaliex kien hemm xi ftehim partikolari.

16. Jgħid ukoll l-appellant li l-Kapitolu 199, bħala liġi speċjali ma tapplikax għall-mezzadrija billi fih jingħad *expressis*, fid-definizzjoni tal-kelma kirja, illi din ma tinkludix ftehim ta' kirja li bis-saħħa tiegħu l-prodott għandu jinqasam bejn sid il-kera u l-kerrej, u għalhekk il-mezzadrija baqgħet regolata bid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili. Dan hu hekk il-każ in kwantu l-mezzadrija, jekk kien hemm, intemmet, wara erba' snin, skont l-artikolu 1532 tal-Kodiċi Ċivili, u ċjoè mill-1993 meta Joseph Stellini għamel l-aħħar ħlas tal-qbiela f'ismu. Għalhekk l-appellata m'għandha l-ebda protezzjoni taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 199.

17. Ikompli li meta l-appellata bdiet tgħaddi LM4.50 u aktar tard €10.50 lil ommha, ommha ma kellha l-ebda titolu u dan peress li meta miet żewġha Joseph Stellini fl-1998, kien l-appellant li kellu t-titolu ta' qbiela rikonoxxut mill-lokatur u ħadd aktar. Dan joħroġ ċar mill-irċevuti tal-qbiela. Il-fatt li omm l-appellata kienet mġiegħla tagħmillha rċevuta u taċċetta l-istess ħlas ma jfisser xejn u dan għaliex ommha ma kellhiex titolu u anqas jedd tissulloka r-raba' lil bintha. Mix-xhieda joħroġ ċar li l-ewwel darba li l-appellata ħallset il-qbiela kien wara l-mewt ta' missierha, u dan meta l-appellant kien ilu erba' snin li dar fuqu r-raba'. L-appellata tista' tibbaża l-pretensjoni tagħha biss fuq il-ħlas tal-flus li bdiet tagħmel lil ommha wara l-mewt ta' missierha għaliex hi stess tistqarr li qabel ma kellha l-ebda ftehim li tħallashom billi taqsam il-prodott magħhom u kienet tagħtihom il-prodott di *buona volontà*.

18. Itemm billi jsostni ma kien hemm anqas l-ebda rapport ta' sullokazzjoni bejn l-appellant u l-appellata u dan billi kif tistqarr l-appellata stess, lil ħuha qatt ma offrietlu l-ħlas tal-kera jew kumpens ieħor. Jirriżulta wkoll li l-lokatur qatt ma rċieva qbiela mingħand l-appellata, u li meta din pruvat toffrilu l-kera, dan ma ta l-ebda widen. Għalhekk anqas f'dan ir-rigward l-appellata ma għandha l-ebda protezzjoni taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 199 billi bl-ebda mod ma tista' titqies li hi ċessjonarja tal-kirja jew sub-konduttur meta missierha kien jippermettilha biss taħdem ir-raba' b'mera tolleranza kif diġà ġie spjegat. Huwa biss l-appellant li jgawdi mill-protezzjoni tal-liġi u jinsab rikonoxxut b'mod espress. Hu paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna li att ta' sempliċi tolleranza ma jistax iservi ta' fondament għal xi dritt. Jirriżulta li l-pussess tal-appellata kien qiegħed jiġi tollerat minn missierha u mill-appellant sakemm dehrlu mod ieħor. Dik it-tolleranza spiċċat bil-manifestazzjoni tal-appellant lill-konvenuta u żewġha sabiex dawn jiżgombraw minn dan ir-raba'.

19. **Il-konvenuti jwieġbu li** kif ikkunsidrat tajjeb l-Ewwel Qorti, is-sullokazzjoni bejn il-ġenituri tal-partijiet u l-bint, ċjoe l-appellata, tikkostitwixxi titolu validu fuq ir-raba' u din hija kkonfermata mix-xhieda prodotta u mill-irċevuti tal-ħlas relattiv da parti tal-appellati lill omm l-appellata u għalhekk il-pussess u l-użu tar-raba' ma tista' titqies qatt bħala mera tolleranza. Il-ħlas lil missier l-appellata jikkonferma l-ħlas tal-qbiela u dan anki peress li l-prodott li kien jingħata mill-konvenuti jmur *oltre* s-

somma dovuta bħala ħlas tal-qbiela. In segwitu l-appellati bdew iħallsu flus. Espert kaligrafiku wkoll ikkonferma l-veraċità tal-irċevuti li juru li omm l-appellata tiddikjara li rċeviet somma ta' €11.00 għall-kera ta' sena. Dan kollu jikkonferma s-sullokazzjoni.

20. Iżidu li meta wieħed jagħmel referenza għat-tifsira ta' kerrej, huwa stabbilit illi din tinkludi kull membru tal-familja li jkun ċessjonarju tal-kirja, u, wara l-mewt tal-kerrej, meta ma jkun hemm ebda membru bħal dak, tinkludi f'ordni ta' preferenza kull membru tal-familja li jkun legatarju tal-kirja jew li matul l-aħħar sena minnufih qabel il-mewt tal-kerrej, kien jgħix mal-kerrej jew kien qed jaħdem ir-raba' miegħu jew għalih, jew ikun il-werriet tal-kerrej, tinkludi wkoll relattivament għal sullokatur, sub-konduttur, liema kelma għandha titqies f'dik ir-relazzjoni bħala li jkollha l-istess tifsira bħal kerrej fl-estensjoni sħiħa tiegħu; u kif ukoll il-liġi tkompli tispeċifika membru tal-familja tfisser axxendent lineari, dixxendent lineari, armla jew armel, raġel tat-tifla, u l-armla tat-tifel sakemm ma terġax tiżżewweġ, tal-kerrej. L-Ewwel Qorti laqgħet il-veraċità tad-dikjarazzjonijiet tal-konvenuta u dan jikkonferma li l-aġir tal-attur appellanti hija azzjoni ħażina li qed jipprova jagħmel kontra oħtu.

21. **Din il-Qorti rat li l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet relevanti:**

*<<...Illi da parti tagħhom il-konvenuti jinsistu li huma għandhom titolu*

*validu sabiex jiddetjenu r-raba' in kwistjoni u prova ta' dan preżentaw diversi rċevuti ffirmati minn omm il-partijiet għalkemm jinsistu li l-ftehim kien ilu snin viġenti anki mal-missier li miet qabel. Il-firem tal-omm f'dawn id-dokumenti ġew saħansitra kkonfermati bħala ġenwini mill-espert tekniku nominat mill-Qorti s-Sur Joseph Mallia fir-rapport tiegħu a fol. 86 tal-proċess). Il-Qorti tifhem għalhekk li l-konvenuti qed jivvantaw titolu ta' sullokazzjoni bejn il-ġenituri tal-partijiet u l-bint ċioe' l-konvenuta Carmen Bugeja li possibilment jista' jwassal lill-istess konvenuti sabiex ikollhom titolu validu li jokkupaw ir-raba'.*

*Illi f'dan l-istadju din il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet Moses Fenech u Maria Grixti et vs. Francis u Pauline konjuġi Sant datata 26 ta' Jannar, 2011 (431/2010JA) il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'kawża simili ħafna għal dik odjerna ddikjarat kif isegwi:*

> *'Illi l-kwistjoni allura hija jekk inħoloqx rapport ta' sullokazzjoni bejn l-awtriċi tal-atturi ossija ommhom u l- konvenuti li jwassal lill-istess konvenuti biex ikollhom titolu jokkupaw l-għalqa. Ġie osservat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet "Saviour Zammit vs Joseph Galea et" (30 ta' Marzu 2001) illi l-kliem "bla titolu" espressa f'att ġudizzjarju promotur, kellu jinqara fis-sens limitat li l-Qorti kellha tindaga u tistabbilixxi l-eżistenza tat-titolu fil-konfront tal-attur li jkun ippropona l-kawża kontra l-konvenut li jkun qiegħed jokkupa l-fond tiegħu. Ma kienx allura biżżejjed għall-konvenut illi hu jkun qiegħed jippossjedu l-fond bis-saħħa ta' relazzjoni ġuridika leġittima, kienet x'kienet, li kellu ma' xi ħadd, kien min kien. Kellu jipprova illi tali relazzjoni ġuridika leġittima kienet teżisti bejnu u bejn l-attur.*
>
> *Illi din il-kwistjoni allura trid tiddeċidiha l-Qorti a bażi tal-provi li tressqu quddiemha. L-atturi jsostnu li ommhom kienet għaddiet l-għalqa lill-konvenuti b'mera tolleranza meta hija għajjiet taħdimha u dan bil-kondizzjoni li l-istess għalqa tiġi ritornata meta hija jew uliedha jkollhom il-bżonn tagħha. Il-konvenuti da parti tagħhom isostnu li huma akkwistawha b'titolu ta' sullokazzjoni mingħand l-istess Grezzja Fenech omm l-atturi. Il-konvenut fil-fatt jgħid fl-affidavit tiegħu li kien iħallas ħamsin lira Maltin (Lm50) fis-sena iżda qatt ma tħallietlu riċevuta. Jgħid illi aktar tard peress li Grezzja Fenech u żewġha t-tnejn kienu mietu, beda jħallas lil ċerta Maria Vella li kellha sehem mill-għalqa.*
>
> *Illi naturalment il-fatt li l-konvenuti ma pproduċewx riċevuti biex isostnu dak li qed jgħidu ma jfissirx li pagament ma sarx. Din għaliex prova ta' ħlas tista' ssir mod ieħor (Ara "Joe Chetcuti vs Joseph Pearson", Appell 5 ta' Ottubru 1998). Madankollu meta jiġri hekk, skont l-istess sentenza, il-konvenut ikun qed jieħu riskju għaliex jekk kontra l-kitba, il-liġi ma tippermetti ebda prova u mhux l-istess jista' jingħad għall-provi orali.'*

*Illi din il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex tapplika l-prinċipji hawn fuq enunċjati għall-provi miġbura fl-atti tal-kawża odjerna. Il-konvenuti Bugeja jsostnu li ilhom jaħdmu din ir-raba' għal madwar ħamsa u tletin (35) sena u dan bil-kunsens ta' Joseph Stellini (missier l-attur u l-konvenuta Carmen Bugeja). Il-konvenuta tixhed li fil-fatt qabel ma l-konvenuti żżewġu missierha kien għaddielha din il-biċċa raba' sabiex jibdew jaħdmuha huma. Tgħid ukoll li l-istess kien għamel ma' ħutha l-*

*oħra miżżewġa. Temfasizza wkoll li l-attur qatt ma ħadem raba u dan ex admissis jixhdu wkoll l-attur fil-kontro-eżami tiegħu. Il-konvenuti jsostnu li huma kienu jħallsu l-qbiela lill-ġenituri tal-konvenuta Carmen Bugeja (Joseph u Mary Anne Stellini), liema somma ġieli anke kienet tkopri sentejn qbiela f'daqqa. Mill-kontro-eżami tal-konvenuta rriżulta li sakemm kien ħaj il-missier u ċioe' sas-sena 1998 huma kienu jkunu jridu jħallsu bi flus iżda minħabba li l-missier ma kienx ikun irid flus huma kienu jħallsu permezz tal-prodotti li kienu jagħtu lill-ġenituri minflok u dan tul is-sena kollha. Din il-Qorti in vista' tal-qbiela miżera li titħallas fuq din ir-raba' fis-somma ta' erba' liri u nofs Maltin (Lm4.50) tqis li allura l-prodotti li l-konvenuti kienu jagħtu lill-ġenituri kienu jmorru ferm oltre fil-valur tagħhom għal dak dovut minnhom lilhom għall-kera. Jirrizulta iżda mill-istess xhieda tal-konvenuta li meta ġie nieqes Joseph Stellini l-konvenuta nsistiet ma' ommha li hija tibda tħallas bi flus u mhux prodott u li l-omm tagħtiha l-irċevuta u hekk beda jsir kif jirrizulta mill-irċevuti preżentati fl-atti eżaminati wkoll mill-espert kaligrafiku (ara riċevuti ezebiti a fol. 113 sa fol. 118 tar-Rikors Ġuramentat numru: 78/2013(JD) fl-ismijiet Angelo Bugeja et vs Emanuel Stellini). Appuntu hija tixhed li bdiet tagħmel hekk għaliex kienet semgħet b'każ fejn terzi kienu ser jeħdulhom ir-raba' għaliex ma kellhomx irċevuti. Il-kliem testwali ta' waħda minn dawn l-irċevuti ffirmati minn omm il-konvenuta huwa:*

*'Irċevejt is-somma ta' €11.00 (Lm4.50) għall-kera ta' sena magħluqa 15/08/2010 tar-raba' ta' Berrini mingħand Carmen Bugeja Stellini', bil-firma tkun dik ta' Mary Ann Stellini.*

*Illi da parti tiegħu l-attur Emanuel Stellini jikkonferma diversi drabi fl-atti li l-konvenuti ġieli ħadmu r-raba' però skont hu dan kienu jagħmluh meta kien jitlobhom hu u bi pjaċir tiegħu. Fid-deposizzjoni tiegħu mogħtija in kontro-eżami nhar it-13 ta' Lulju, 2018 huwa jgħid li l-konvenuti kienu jaħdmu r-raba' 'Bil-barka tiegħi jaħdmu r-raba, bil-barka, jgħinu lili.' Meta rinfaċċjat bl-irċevuti li ommu Mary Anne Stellini kienet tagħti lil bintha l-konvenuta Carmen Bugeja huwa jiċħad li dan kien minnu saħansitra beda jallega li dawn setgħu kienu ffalsifikati. Di fatti kien għalhekk li fis-seduta tas-17 ta' Ġunju, 2016 l-attur talab il-ħatra ta' espert kalligrafu biex iqabbel il-firem fuq l-irċevuti ta' ommu Mary Anne Stellini rilaxxjati lill-konvenuta Carmen Bugeja ma' firem oħra fuq dokumenti varji.*

*Madanakollu l-espert kalligrafiku Joseph Mallia fir-rapport tiegħu kkonferma li meta ġew eżaminati u kkomparati dawn il-firem huwa seta' jinnota li kienu tal-istess persuna u ċioe' ta' Mary Anne Stellini peress li kellhom karatteristiċi simili.*

*Illi in vista ta' dak suespost din il-Qorti hija moralment konvinta li huwa minnu li l-konvenuta Carmen Bugeja kienet tħallas lill-ġenituri tagħha l-qbiela tar-raba' in kwistjoni l-ewwel permezz tal-prodott u konsegwentement fi flus u dan saħansitra minn qabel hija żżewġet, ċioe' ferm qabel is-sena 1994 meta l-attur mar għand sid l-għalqa u*

*qaleb il-kirja fuqu.*

*Illi jirrizulta wkoll mill-provi fl-atti b'mod partikolari mix-xhieda tal-konvenuta, li din il-Qorti tqis li hija xhieda attendibbli u kredibbli, li dan il-ħlas lill-omm u l-iffirmar tal-irċevuta kien saħansitra jsir quddiem l-attur Emanuel Stellini li kien jgħix mal-omm u kien ikun preżenti. Nonostante li dan il-ħlas kien isir quddiemu, ħareġ ċar mill-provi li sakemm l-omm kienet għadha hajja l-attur qatt ma oppona għall-ħlas mill-konvenuta jew b'xi mod infurmaha li l-ħlas kellu jsir lilu għaliex l-irċevuti mingħand is-sidien fuq l-istess qbiela kienu bdew jinħargu f'ismu. Din il-Qorti hija konvinta mill-assjem tal-provi kollha miġbura kemm fl-atti odjerni kif ukoll fl-atti tal-kawża ta' spoll annessa li kemm il-missier kif ukoll l-omm ma kienux konxji tal-fatt li Emanuel Stellini minn wara daharhom kien mar bil-ktieb tar-raba' in kwistjoni u talab lis-sidien sabiex jaqleb din ir-raba' fuqu. Fil-fatt jirrizulta li l-attur kien ikollu aċċess faċli għal dan il-ktieb tar-raba' kemm għaliex kien jgħix mal-ġenituri tiegħu kif ukoll għaliex kienu jibagħtuh l-istess ġenituri sabiex iħallas ir-raba' f'isimhom. Ovvjament il-ġenituri ma kellhom l-ebda kontroll x'jgħid lis-sid meta jmur iħallas. Huwa għalhekk li l-attur qatt ma tkellem quddiem il-ġenituri tiegħu b'mod partikolari quddiem ommu dwar il-bidla f'isem il-kirja u dan sabiex ma jikxifx dak li kien għamel. Jirrizulta fil-fatt mill-atti li l-attur tkellem biss wara li mietu z-żewġ ġenituri u permezz ta' ittra uffiċċjali nterpella lil oħtu sabiex toħroġ mir-raba in kwistjoni. Mill-atti b'mod partikolari mill-affidavit (fol. 39 et seq) u l-kontro eżami tal-istess attur Emanuel Stellini (a fol. 202 et seq) jirrizulta fl-ewwel lok li l-attur jammetti diversi drabi li kienet oħtu u r-raġel tagħha li kienet taħdem ir-raba in kwistjoni (dan jammettih ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu) iżda fit-tieni lok joħroġ ċar ukoll li l-istess Emanuel Stellini qatt ma ħadem ir-raba' in kwistjoni. Dan joħroġ ċar mill-kliem evaziv u logħob bil-kliem tiegħu fil-kontro-eżami filwaqt li kien qed jiġi mistoqsi mill-abbli avukat tal-konvenuti x'suppost kien jagħmel fir-raba' ta' kull sena u xi prodotti kien iħawwel. B'mod partikolari meta mistoqsi min kien jiżra' l-għalqa jirrispondi li 'probabbilment' min kien jaħratha. Din il-Qorti ssibha diffiċli biex temmen li l-attur jekk verament kif jgħid hu kien jaħdem l-għalqa in kwistjoni billi jqabbad in-nies lanqas biss ikun jaf lil min kien iqabbad sabiex jiżralu l-istess għalqa! It-titubar u t-tidwir bil-kliem tal-attur partikolarment fil-kontro-eżami tiegħu wkoll xejn ma jagħti sens ta' sigurta' lil din il-Qorti li l-attur qed jixhed il-verita'. Dan apparti li x-xhieda tal-attur fil-kawża odjerna dwar xi prodotti kien suppost jagħmel f'din ir-raba' lanqas taqbel max-xhieda tiegħu fil-kawża ta' spoll. In oltre din il-Qorti ma tistax tinjora, ai fini ta' kredibilita' tal-attur, il-fatt li rriżulta fil-mori tal-kawża ċioe' li sid l-għalqa li suppost kien attur irriżulta li hu lanqas biss kien jaf li ddaħħal fil-kawża bħala attur kontra l-konvenuti. Dawn il-manuvri ċertament jistgħu jiġu attribwiti biss lill-attur u lil ħadd aktar u xejn ma jgħinu sabiex din il-Qorti tqis ix-xhieda tiegħu bħala waħda veritiera u attendibbli anzi pjuttost bil-kontra.*

*Illi fattur ieħor li jimmilita favur il-konvenuti huwa l-ammont imħallas mill-konvenuti lill-omm meta dan jitqabbel mal-ammont tal-ħlas li kien qiegħed isir mill-attur Emanuel Stellini lill-familja Mizzi. Di fatti jirrizulta*

*mill-atti li l-attur Emanuel Stellini kien iħallas l-ammont ta' €10.50 fuq raba' Ta' Berrini. Fil-affidavit tiegħu Emanuel Stellini jikkjarifika li r-raba' ta' l-Agramors limiti ta' Għar Ilma '…hija distinta li ma għandhiex x'taqsam mal-każ odjern' dan sabiex jiġi spjegat għalfejn fil-ktieb tar-raba' hemm irċevuti oħra b'ammonti diversi. Fl-irċevuta tagħha l-konvenuta Carmen Bugeja kienet tħallas l-ammont ta' ħdax-il Euro (€11) ekwivalenti għal erba' liri u nofs Maltin (Lm4.50). Meta effettivament wieħed jaqleb l-ammont ta' erba' liri u nofs Maltin (Lm4.50) għall-Euro dawn jiġu fl-ammont preċiż ta' €10.50 u ċioe' l-ammont eżatt li l-attur Emanuel Stellini jħallas tar-raba' Ta' Berrini lil familja Mizzi. M'hemmx għalhekk l-ebda dubju li l-konvenuti kienu jħallsu lill-omm il-partijiet qbiela għall-istess raba' li Emanuel Stellini kien imur iħallas lil Mizzi tagħha (apparti raba' oħra li kienet f'ismu).*

*Illi fid-dawl ta' dak suespost din il-Qorti tqis li ġie pruvat lilha mill-konvenuti sal-grad rikjest mil-liġi li ferm lura fiż-żmien qabel ma saħansitra kienu żżewġu l-konvenuti, missier il-partijiet Joseph Stellini flimkien ma' ommhom kienu ssulokaw il-kirja tar-raba' in kwistjoni favur binthom il-konvenuta Carmen Bugeja. Din is-sitwazzjoni kienet ġia eżistenti meta fis-sena 1994 l-attur mar għand is-sid sabiex idawwar il-kirja fuqu u s-sid dawwar il-kirja mingħajr ma vverifika min verament kien qed jaħdem ir-raba' in kwistjoni u taħt liema titolu. Ċertament ma jistax jingħad li l-attur ma kienx jaf b'dan kollu stante li jirrizulta mill-atti li kien l-uniku wild li baqa' jgħix mal-ġenituri tiegħu. Il-konvenuta anki tixhed li meta l-ġenituri tagħha ġew nieqsa kien l-istess attur li lil ħutu qalilhom li hu ma ried xejn mir-raba' li kienu qed jaħdmu huma. Il-Qorti tqis li l-attur qal dan il-kliem għax kien jaf ben tajjeb li l-ġenituri tiegħu kien ssulokaw diversi bicciet raba' li kellhom lit-tfal tagħhom fosthom dik odjerna. Din il-Qorti allura tqis li meta l-kirja tar-raba' in kwistjoni ġiet meqluba fuq l-attur Stellini fis-sena 1994, l-attur daħal fiż-żarbun ta' missieru Joseph Stellini li kien ġia ssulloka r-raba' lil bintu l-konvenuta w'għalhekk it-trasferiment tal-kirja sar kif suġġett għas-sullokazzjoni gia eżistenti favur il-konvenuta. In vista ta' dan kollu l-Qorti tqis li l-konvenuti ppruvaw titolu ta' sollukazzjoni fuq ir-raba' Ta' Berrini in kontestazzjoni bejn il-partijiet. Għalhekk din l-Qorti sejra tgħaddi sabiex tilqa' t-tielet eċċezzjoni, bit-talbiet tal-attur Emanuel Stellini jiġu miċħuda.>>*

22. **Din il-Qorti** tibda biex tosserva li filwaqt li l-appellant jargumenta li l-konvenuti kienu qed jaħdmu r-raba' in kwistjoni b'tolleranza tiegħu u qabel tal-ġenituri tagħhom, u saħansitra jgħid li forsi seta' kien hemm rapport ta' mezzadrija, l-appellati jargumentaw li huma kellhom sullokazzjoni mingħand il-ġenituri tal-konvenuta appellata Carmen Bugeja. Wara li fliet l-atti u l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel

Qorti, din il-Qorti tqis li dak li jħoll u jorbot huwa jekk il-konvenuti rnexxielhomx verament jipprovaw li r-raba' in kwistjoni ġiet sullokata lilhom.

23. Qabel xejn jingħad li mhuwiex kontestat li l-attur għandu titolu ta' qbiela fuq ir-raba' Ta' Berrini (fid-dawl tat-tieni aggravju l-eżitu ta' dan l-aggravju u l-appell in ġenerali għandu jaffettwa biss ir-raba' Ta' Berrini). Jirriżulta illi l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenut dwar il-prova tat-titolu li kellu jagħmel l-attur u għalhekk illum hu ġudikat dik il-parti tas-sentenza li l-attur għandu t-titolu ta' qbiela li jirriżulta minn riċevuti ta' qbiela fuq ismu maħruġa minn wieħed mill-komproprjetarji favur tiegħu mill-1994 'l quddiem. L-attur ippreżenta rċevuti tal-qbiela li għandu fuq ir-raba' Ta' Berrini ( u Ta' Ragramas), li jkopru l-perjodu bejn l-10 ta' Settembru 1994 u t-23 ta' Awwissu 2016[2]. Dawn l-irċevuti kienu jiġu ffirmati mill-PL Marcell Mizzi kemm għas-sehem tiegħu ta' nofs indiviż tal-proprjetà kif ukoll għas-sehem ta' nofs indiviż ieħor li kien jappartjeni lil oħtu Annunziata Vella, u eventwalment wara l-mewt tal-PL Marcell Mizzi kienu jiġu ffirmati minn ibnu Anton Mizzi bħala eredi f'ismu u anke għan-nom ta' ħutu u l-kuġini tiegħu eredi ta' zitu. Anton Mizzi kkonferma l-firma ta' missieru l-PL Marcell Mizzi fuq l-irċevuti esibiti mill-attur[3]. L-attur xehed li missieru kien ħadu għand il-Prokuratur Legali Marcel Mizzi u li dawwar il-qbiela fuqu. Anton Mizzi wkoll xehed li f'xi żmien jiftakar li missieru kien

---

[2] *Fol.* 89 sa 108
[3] *Fol.* 119

qallu li l-qbiela kienet daret minn fuq Guzeppi Stellini għal fuq ibnu Emanuel. Din il-Qorti nnotat li l-Ewwel Qorti kkunsidrat li l-attur seta' dawwar il-qbiela fuqu mingħajr l-għarfien ta' familtu imma din il-prova ma tirriżultax u t-titolu tal-attur ma ġiex attakkat tant li l-eċċeżżjoni tal-prova tat-titolu ġiet miċħuda u għaldaqstant jitqies validu.

24. Issa fir-rigward tas-sullokazzjoni reklamata mill-konvenuti u jekk tressqitx prova tal-istess, din il-Qorti fliet ix-xhieda u l-provi mressqa mill-konvenuti speċifikament fuq l-istess sullokazzjoni allegata. Rat:

> "i. **In subizzjoni Carmen Bugeja** xehdet li missierha għadda r-raba' lilha biex taħdimha u li kienet tħallas il-qbiela lil ommha u wara kienet tiddepożita l-istess qbiela l-Qorti permezz ta' ċedola ta' depożitu. Hi preżentat kopja ta' ċedola ta' depożitu datata l-15 ta' Settembru 2015[4]. Xehdet li pruvat mas-sidien tar-raba' sabiex iddawwar il-qbiela fuqha iżda ma rnexxilhiex u li ma kinitx taf li l-attur iħallas il-qbiela hu. Xehdet li hi għandha titolu billi hi bint missierha[5];
>
> a. **Permezz tal-affidavit il-konvenuta Carmen Bugeja xehdet li** hi u r-raġel tagħha dejjem ħadmu l-art bil-kunsens ta' missierha u li apparti hi ħadd aktar ma qatt ħadem ir-raba'. Tisħaq

[4] *Fol.* 55 u 56
[5] *Fol.* 13 *et seq.*

li ġieli ħallsu sentejn qbiela f'daqqa u taw anke prodott lil ġenituri tagħha. Tgħid li qatt ma talbu rċevuta u li l-ġenituri tagħha kienu jgħidu lill-konvenuti li r-raba' f'idejhom u li kienu ser jibqgħu jieħdu ħsiebha huma u li ħadd ma kien ser jeħodha. Tgħid li wara ċertu żmien li ġie nieqes missierha fl-1998, hi bdiet titlob lil ommha tiffirma l-irċevuti tal-ħlas li kienet tgħaddilha. Tgħid li ommha kienet tiffirma l-irċevuti tagħha fil-preżenza tal-attur[6];

b. **In kontroeżami l-konvenuta Carmen Bugeja xehdet** li lil ommha kienet tagħtiha biċċa mill-prodott biex ikollha biex tgħix u wara bdiet tagħtiha l-flus u tagħmillha l-irċevuti għaliex semgħet b'każ simili fuq ix-xogħol. Tgħid li sakemm miet missierha l-ġenituri tagħha ma riedux flus għax kienet tagħtihom il-prodott. Ma kinitx tħallas bil-flus iżda bil-prodott, bħall-patata, basal, tewm u ful. Kienet tagħti l-istess prodott minn jeddha, *di buona volontà*. Wara bdiet tħallas u ommha bdiet tagħmillha rċevuta. Tgħid li meta ltaqgħu hi u ħutha, inkluż l-attur, biex jaqsmu r-raba' wara li miet missierhom, l-attur irrepeta kemm -il darba li hu ma jrid xejn u li kulħadd kellu jżomm ir-raba' tiegħu. Tgħid li l-attur qatt ma ħadem l-art[7];

c. Skont xhieda tal-konvenuti, ta' uliedhom, ta' Joseph *sive* Peppu Bugeja (ħu l-konvenut Angelo Bugeja) u anke George

[6] *Fol.* 111 u 112
[7] *Fol.* 240 *et seq.*

Stellini (ħu l-konvenuta Carmen Bugeja), ir-raba' dejjem ħadmuha l-konvenuti u qatt ma ħadimha l-attur[8];

d. Irċevuti li tressqu mill-konvenuta Carmen Bugeja fil-kawża 78/2013 fl-ismijiet Angelo Bugeja et vs Emanuel Stellini, li kienu jkopru s-snin 2005 sa 2010[9]. Il-firem ta' omm l-attur u l-konvenuta Carmen Bugeja fuq dawn l-irċevuti ġew kontestati mill-attur iżda l-espert kaligrafiku Joseph Mallia permezz tar-rapport tiegħu redatt fl-1 ta' Ottubru 2016 u maħluf fl-14 ta' Marzu 2019, ikkonkluda li ġew identifikati punti karatteristiċi komuni u kompatibbli fil-kors tal-firem Mary Ann Stellini hekk kif ikkomparati ma' xulxin fuq żewġ dokumenti[10].

25. Din il-Qorti rat li l-attur, permezz tax-xhieda tiegħu jikkontesta s-suespost u jgħid li anke hu kien jaħdem ir-raba' billi jqabbad terzi.

26. **Issa din il-Qorti**, wara li fliet il-provi relatati mas-sullokazzjoni tqis li ma tistax taqbel mal-Ewwel Qorti u l-konklużjonijiet tagħha. Din il-Qorti rat li għalkemm ma tiddubitax li l-konvenuti ilhom is-snin jaħdmu l-għalqa in kwistjoni u li jidher li ħadmuha aktar milli qatt ħadimha l-attur, madankollu dan ma jbiddilx jekk il-konvenuti għandhomx dritt ta' sullokazzjoni jew le u din il-Qorti ma tqisx li l-konvenuti rnexxielhom

[8] Fol.188 sa 269 tal-proċess 78/2013 fl-ismijiet Angelo Bugeja et vs Emanuel Stellini
[9] ibid 8 Fol. 310 sa 321
[10] Fol. 38

iressqu prova konvinċenti fir-rigward tat-titolu reklamat minnhom.

27. L-Ewwel Qorti qieset li la l-prodott li allegatament kienu jagħtu l-konvenuti lil omm il-konvenuta Carmen Bugeja seta' kien aktar għoli mill-qbiela allura teżisti prova ta' sullokazzjoni, madankollu din il-Qorti tqis li dan l-argument ma jreġġix, l-ewwelnett għaliex ma tressqet l-ebda prova li l-art fil-fatt ingħatat b'sullokazzjoni; l-għotja tal-art b'sullokazzjoni lill-konvenuti, kif tgħid Carmen Bugeja, ma hemmx prova tagħha, ħlief xhieda tal-konvenuta Carmen Bugeja meta xehdet li l-art ġiet mogħtija lilha minn missierha.

28. Fit-tieni nett anqas jista' jingħad li x-xhieda ta' Carmen Bugeja kienet konsistenti, daqqa tgħid li qatt ma ħallset qbiela, daqqa oħra li ħallset *tramite* l-prodott u darb'oħra li l-prodott tagħtu *di buona volontà*. Fi kwalunkwe każ qbiela bi ħlas ta' prodott aktar turi li seta' kien hemm mezzadrija kif argumenta l-attur. Jibqa' l-fatt li prova li l-ġenituri tal-konvenuta Carmen Bugeja aċċettaw ħlas versu s-sullokazzjoni ma jistax jingħad li teżisti in atti.

29. Fl-aħħarnett l-irċevuti esibiti huma reċenti fl-ewwel waħda tal-2010 u mhux maħruġa mill-attur bħala d-detentur tat-titolu tal-qbiela, iżda maħruġa minn omm il-konvenuta meta l-qbiela kienet diġà tgħajjat lill-attur u għalhekk din il-Qorti tqis li dawn l-irċevuti ma għandhomx valur

probatorju għall-kweżit odjern.

30. It-titolu tal-attur mhux kontestat f'ebda ħin u għalhekk jidher li missier l-attur ċeda l-qbiela favur l-attur bil-kunsens tas-sidien tant li s-sidien bdew jirrikonoxxu lill-attur sa mill-1994 u ġew esibiti riċevuti ta' qbiela mis-sidien favur l-attur bħala prova ta' dan. Għalhekk wara l-mewt tal-missier fl-1998, l-armla ma setgħetx toħrog riċevuti ta' qbiela bħala sullokazzjoni lill-konvenuti meta ma kellhiex ebda jedd fuq l-art. Mhux hekk biss iżda Anton Mizzi jixhed li għal ħabta tal-2014 il-konvenuta talbitu joħroġ riċevuta tal-qbiela fuq isimha iżda rrifjuta billi l-qbiela kienet tgħajjat lil Emanuel Stellini. Billi l-konvenuti ma ppruvawx it-titolu ta' sullokazzjoni, din il-Qorti tara li ma għandhiex triq oħra ħlief li tilqa' l-aggravju tal-attur u ssib li l-konvenuti ma rnexxilhomx jipprovaw li huma għandhom titolu ta' sullokazzjoni.

**Decide**

31. Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell imressaq mill-attur billi tilqgħu limitatament u konsegwentement tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti u ddikjarat li l-konvenuti jiddetjenu r-raba' in kontestazzjoni fl-atti magħrufa bħala 'Ta Berrini' b'titolu validu ta' sullokazzjoni favur tagħhom u konsegwentement għaddiet sabiex tiċħad it-talbiet kollha attriċi bl-ispejjeż kollha kontra l-

attur u minflok tilqa' t-tieni u t-tielet talba tal-attur limitatament fir-rigward tal-għalqa Ta' Berrini u tiddikjara li l-konvenuti qed jokkupaw l-għalqa Ta' Berrini mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u tordna lill-konvenuti jiżgumbraw mill-għalqa Ta' Berrini fi żmien 3 xhur li jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza.

Spejjeż kemm tal-Ewwel Qorti u ta' din l-istanzi jinqasmu nofs bin-nofs billi t-talba għall-izgumbrament saret fuq żewġ għelieqi u fil-mori tal-proċeduri l-attur illimita ruħu għal għalqa waħda biss.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb